KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 010/2019

15 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Vici-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgha

**10.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

10.1.1 Ma kienx hemm

**10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Christopher Bruno ssekondata mis-Sa. Speranza Chirchop, il-minuti ġew approvati nem.con

**10.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

10.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill lokali illi kien ghaddej b'ritmu mghaggel ix-xoghol preparatarju ghal Jum il-Kalkara 2019 li kien ser ikun qieghed jittella' nhar l-10 ta' Dicembru 2019.

10.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba ragunijiet varji ma' kienx possibbli illi tinzamm hekk kif ippjanat, l-ewwel minn sensiela ta' laqghat b'konnessjoni mal-inizjativa "Il-Kunsill Qribek". Is-Sur Aquilina sahaq illi kien ser ikun qieghed jahdem sabiex l-attivita' tinzamm fil-futur qarib.

10.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat, haddiema tar-Regjun Xlokk kienu qieghdin iwettqu hidma fil-lokalita', liema hidma kienet qieghda tkun utli hafna.

10.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva relatata mal-attivita' sportiva Young Warriors. Is-Sur Aquilina zied jghid illi fir-rigward kien qieghed jinkariga lill-Kunsilliera Maria Sultana tiehu hsieb illi kemm il-darba jkun possibbli jinsabu tnax il-tifel u tifla li kienu lesti li jippartecipaw f'isem il-Kalkara.

10.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif stabbilit, kienet ser tkun qieghda tinzamm laqgha ta' konsultazzjoni pubblika mar-residenti b'konnessjoni mal-pjan ta' hidma ghall-perjodu 2019/2024. Is-Sur Aquilina zied jghid illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall matul l-istess seduta.

10.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali korrispondenza li kienet waslet minghand l-ghaqdiet Circolo San Giuseppe Filarmonica Sagra Familja u Ghaqda Muzikali San Guzepp liema ghaqdiet kienu ressqu proposta sabiex fil-lokalita' zewg toroq imsemmija fil-korrispondenza jinbidlilhom isimohom bl-ismijiet il-godda jkunu Triq Lorenzo Gonzi (minflok parti minn Triq Patist Borda) u Triq Malta Rebbieha

rispettivament. Is-Sur Aquilina sahaq illi kienet ser tkun qieghda tinzamm laqgha mal-iStreet Naming Committe bil-ghan illi kemm il-darba jkun possibbli l-proposta tal-imsemmija ghaqdiet tigi immaterjalizzata.

10.3.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'effett immedjat u wara korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kien qieghed jibdel numru ta' dekasteri. It-tibdil kien jara lis-Sa. Maria Sultana tkun responsabbli miz-**zghazagh u tfal** u s-Sur Vincent Bongailas jitnehhielu d-dekasteru taz-zghazagh u minfloku jizdied **il-komunita tad-dghajjes u mazzri u z-zona tax-Xewkija.**

10.3.8 Is-Sindku kkomunika mal-Kunsilliera illi wara li kien ikkonsulta mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera responsabbli kienu ttiehdu s-segwenti decizjonijiet :

- Bil-ghan illi ma jinholoqx precedent ma kelliex tigi milqugha talba sabiex Triq Luigi Pisani issir *residential only* ghall-vetturi.
- Kienet ser tkun qieghda tinhareg works order lil Infinite fusion sabiex tigi introdotta sistema ta' streaming on demand ta' seduti tal-Kunsill Lokali. Dan bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun konformi mal-ligi.
- Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv kien ser ikun qieghed jiltaqa' mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi jigi diksuss zbilanc finanzjarju tal-Kunsill Lokali ghas-sena finanzjarja 2018.
- Kellu jinhareg avviz lill-kuntrattur tal-gbir ta' skart minhabba nuqqas li kien gie rrapurtat minn membru tal-Kunsill Lokali stess.
- Kienet ser tkun qieghda tithallas is-somma ta' erbghin ewro bil-ghan illi l-kunsill Lokali, bhall-bqija tal-Kunsilli Lokali tal-Kottonera jissieheb f'inizjativa li tara l-holqient a' web portal gdid dwar il-kottonera.

## 10.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.4.1 Is-Sur Vincent Bongailas informa lill-Kunsill Lokali bi problema ta' ilma li kien qieghed ikun hemm fi Triq il-Missjoni Taljana meta' taghmel kwantita' konsiderevoli ta' xita.

10.4.2 Is-Sur Vincent Bongailas semma problema ta' parkegg li kien hemm fi Triq is-Sibi. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv sahaq illi kien ser ikun qieghed jaghmel spezzjoni fuq il-post.

10.4.3 Is-Sur Vincent Bongailas talab lis-Sindku jispjega lill-Kunsill Lokali s-sitwazzjoni dwar petizzjoni li kienet giet sottomessa ghand ERA rigward problemi ta' rwejjah li kien hemm fil-lokalita'.
Wara li s-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali b'dak li kien sehh sal-gurnata tas-seduta, l-istess Sur Aquilina inkariga lis-Sur Bongailas sabiex ikompli jsegwi l-ezitu tal-petizzjoni u jinforma lill-Kunsill Lokali.

10.4.4 Is-Sur Vincent Bongailas staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm il-hsieb illi tigi indirizzata problema ta' karrijiet ta' opri tal-bahar li kien hemm fiz-zona tax-Xewkija.
Is-Sindku informa lis-Sur Bongailas illi b'konnessjoni mad-delega li kien ghaddielu aktar kmieni matul l-istess seduta, is-Sur Bongailas kellu jiehu hsieb li jsir l-infurzar mehtieg b'laqghat mas-Superintendent tal-Pulizija u Transport Malta dwar il-materja.

10.4.5 Is-Sa. Maria Sultana infurmat lill-Kunsill Lokali b'attivitajiet li kienu gew ikkordinati flimkien mal-iskola primarja tal-Gvern fl-okkazjoni ta' *Pink October* matul Ottubru 2019.

10.4.6 Il-Kunsilliera Maria Sultana infurmat lill-Kunsill Lokali bi problema ta' gbir ta' skart li kien qieghed ikun hemm.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi aktar tard waqt l-istess seduta l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jiddiskuti l-materja ta' contracts manager, liema materja kellha tirratifika n-nuqqas.

10.4.7 Il-Kunsilliera Speranza Chircop staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kienx ser ikun qieghed isir xi haga bil-ghan li tigi ratifikata problema li kien hemm fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.
Is-Sindku qal illi kienet ser tkun qieghda tintbaghat e-mail bil-ghan illi jsir l-infurzar mehteg fiz-zona.

10.4.8 Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet lis-Sindku jekk f'Jum il-Kalkara kenitx ser tkun qieghda tigi kkunsidrata l-possibilita' illi jsir loghob tradizzjonali ghat-tfal fil-promenade.
Is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali sahaq illi l-proposta tal-Kunsilliera Sultana kienet ser tkun qieghda tigi kkunsidrata.

10.4.9 Il-Kunsilliera Maria Sultana informat lill-Kunsill Lokali b'attivita' ta tindif li kien sar fil-bajja tar-Rinella minn studenti tal-iskola primarja tal-Isla u kollaborazzjoni li kienet nibtet.

10.4.10 Il-Kunsilliera Speranza Chircop staqsiet lis-Sindku jekk f'Jum il-Kalkara kenitx qieghda tigi esplorata l-possibilita' illi ssir zjara lill-anzjani li ma jistghux johorgu minn djarhom kif kien sehh fis-snin passati u attivita' ghall-istess anzjani li normalment kienet tittella' fit-13 ta' Dicembru ta' kull sena.
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera Chircop illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa waqt it-tfassil tal-attivita' msemmija.

10.4.11 Il-Kunsilliera Speranza Chircop staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm il-pjan illi l-Kunsill Lokali johrog fuljett li normalment kien jinhareg matul ix-xahar ta' Dicembru ta' kull sena.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi sal-gurnata tas-seduta ma kien hemm ebda decizjoni dwar il-materja.

10.4.12 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu saru l-preparamenti mehtiega bil-ghan illi nhar is-27 ta' Novembru 2019 tittella' harga kulturali ghar-residenti tal-lokalita'.

10.4.13 Is-Sur Christopher Bruno informa lill-Kunsill Lokali b'laqghat li kienu inzammu minn grupp ta' immigranti u ta' rendikont ta' dak li kien gie diskuss u deciz waqt l-istess laqghat.

10.4.14 Is-Sur Christopher Bruno sahaq dwar l-importanza li informazzjoni dwar possibilitajiet ta' donazzjoni ta' organi jigu xprunati permezz tal-medja socjali inkluz dik tal-Kunsill Lokali

10.4.15 Is-Sur Christopher Bruno informa lill-Kunsill Lokali b'informazzjoni li kienet waslitlu b'konnessjoni ma' spazji miftuha mill-NGO wirt il-Kalkara.

10.4.16 Is-Sur Christopher Bruno informa lill-Kunsill Lokali illi kienet waslitlu talba sabiex fi Pjazza Sagra Familja jizdied id-dawl.

10.4.17 Is-Sur Christopher Bruno staqsa lill-Kunsill Lokali jekk waqt id-diskussjonijiet li kienu ghaddejjin b'konnessjoni mal-progett ta' rigenerazzjoni tal-promenade kienux qieghdin jittiehdu in-kunsiderazzjoni hofor tal-arbli tal-festa u tappieri li kien hemm.
Is-Sindku informa lis-Sur Bruno illi l-materja kiene ser tkun qieghda tigi diskussa.

**10.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

10.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru09/19) ghall-approvazzjoni.

10.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**10.6 Mozzjonijiet**

10.6.1 Ma kienx hemm

**10.7 Contracts Manager**

10.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' Direttiva 3/2019 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kien hemm l-obbligu illi kull Kunsill Lokali jahtar contracts manager. Is-Sur Aquilina zied jghid illi fir-rigward, l-istess direttiva kienet taghti l-ghazla lill-Kunsilli Lokali li jimpjegaw jew johorgu sejha ghall-offerti sabiex jaghmlu uzu mis-servizz imsemmi. Huwa sahaq illi fl-opinjoni tieghu, il-

Kunsill Lokali kellu jimpjega persuna fuq bazi part-time. Dan ghaliex minbarra li finanzjarjament kien ikun aktar vijabbli, il-Kunsill Lokali ikollu kontroll fuq il-hidma tal-contracts manager innifsu.

10.7.2 Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sur Vincent Bongailas u b'votazzjoni unanima, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jibda' l-process bil-ghan illi tigi ingaggjata persuna fuq bazi part-time ( b'total ta' tmintax il-siegha xoghol fil-gimgha) fi skala 11. Gie deciz ukoll illi l-bord li kien ser ikun qieghed jaghmel l-interviews lill-applikanti kellu jkun kompost mis-Sinjuri Wayne Aquilina, Duncan Hall, Vincent Bongailas u Speranza Chircop.

**10.8 Pjan ta' Hidma – Laqgha ta' konsultazzjoni.**

10.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokal illi b'konnessjoni mar-riforma fl-att dwar il-Gvern Lokali li dahlet fis-sehh matul l-2019, u b'differenza ghall-passat, il-Kunsill Lokali kellu jofforma pjan ta' hidma li jkopru 2019-2024. Fir-rigward, kien hemm il-htiega u l-obbligu legali illi tinzamm ukoll laqgha ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-laqgha pubblika kellha tinzamm nhar it-22 ta' Novembru 2019 fis-6:00p.m.

**10.9 Proposti Toroq**

10.9.1 Ma kienx hemm materji li x'jigu diskussi.

**10.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

10.10.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghad-19 ta' Novembru 2019 fl-4:00p.m.

Konfermati, illum ______________________________

______________________

**Wayne Aquilina**
Sindku
Eżekuttiv

______________________

**Duncan Hall**
Deputat Segretarju